# Dawl Franġiskan

GĦADD 432 | AWWISSU - SETTEMBRU 2023 | IT-43 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373



*"Kemm int sabiħa u kemm tassew int ħelwa, imħabba fost l-għaxqiet!"*

*Għan. 7:7*

# werrej


**4** "Int ħelwa bħal Tirsa, maħbuba tiegħi,
**inti sabiħa, bħal Ġerusalemm"** Għan. 6:4.
Fr Martin Mamo OFMCap

**6** Edukazzjoni
Deo Grech

**8** Kien jagħtini **ċ-ċikkulata!**
Patri Mario Attard OFMCap

**11** L-eżaltazzjoni **tas-salib**
Sr Chiara Benedicta tas-Salib OSC

**14** Il-pjagi ta' **Padre Pio** (L-Ewwel Parti)
Vincent Vella OFS

**17** Is-solennità tal-Omm Qaddisa
**Santa Klara t'Assisi - 11 t'Awwissu**
Fr Julian Sammut OFM

**19** Ġabra ta' mirakli Ewkaristiċi miġbura
**mill-Beatu Carlo Acutis** (L-Ewwel Parti)
Ruben Pullicino














## Ħsieb tal-faċċata

Il-vara tal-Assunta tal-Katidral t'Għawdex, maħduma mill-Fabbrica di Statue Religiose Francesco Rosa ta' Ruma fl 1897




# bord editorjali


**22** Poeżija - Il-Konvoj **ta' Santa Marija**
Kav. Carmel Bianchi KGO

**24** It-800 sena **tat-twelid tal-presepju** (L-Ewwel Parti)
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

**26** Aħbarijiet tal-Provinċja - **mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**
Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

**29** Ruħi għatxana għalik, Mulej! **L-Imħabba ma tmut qatt**
George Zammit

**31** It-tielet misteru: Meta Sidna Ġesù Kristu **twieled fl-għar ta' Betlem**
Jesmond Grech

**32** Ngħixu s-sinodalità **minn issa**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**34** Il-Calzoni ta' **San Ġużepp**
Fr Paul Bugeja OFMCap

**35** **Kompetizzjonijiet**
Fr Wistin Attard OFMCap


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.


**Editur**
Fr Martin Mamo OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874

**Fr Martin Mamo OFMCap Mob:** 7970 5198

**Dorian Holland Mob:**
7722 3730 | 7756 8801

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2023**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

# "Int ħelwa bħal Tirsa, maħbuba tiegħi, **inti sabiħa, bħal Ġerusalemm"** Għan. 6:4



FR MARTIN MAMO OFMCap

**Qatt ħadt sehem f'kompetizzjoni? Qatt tellaqt ma' oħrajn? Qatt irbaħt xi trofew? Qatt libbsulek xi medalja? Qatt xeddewlek xi kuruna? Qatt ġejt l-ewwel f'xi eżami? Qatt innominawk għal xi premju?**

Hawn min f'ħajtu qatt ma kellu esperjenza ta' dawn, u hawn min kellu kemm irid! Hawn min f'ħajtu qatt ma kkompeta, u hawn min l-hena tiegħu jikkompeti, u jara x'jivvinta biex jikkompeti! Hawn min ħajtu tellieqa waħda mal-oħrajn imma qatt ma tellaq l-aqwa tellieqa. Hawn min f'ħajtu dejjem jara kif se jmur minn fuq, imma mhu jagħmel xejn biex jirbaħ l-aqwa trofew! Hawn min f'ħajtu jiffanfra bl-unuri u l-medalji imma mhux liebes l-aqwa medalja u l-aqwa unur. Hawn min ħajtu qed jaħliha għal kuruna ta' mument u ma jimpurtahx mill-kuruna eterna li hemm lesta għalih.

Iżda l-aqwa unur jagħtih Alla lil min isir jixbhu. Li ssir tixbah lil Alla jitlob tellieqa kontra l-kurrent. Jitlob attenzjoni u studju serju ta' min hu tassew Alla. Jitlob



training u taqbid miegħek innifsek biex tilbes l-istess sbuħija tiegħu. U meta Alla jara lilu nnifsu fik jasal jgħidlek: "Idħol fil-hena ta' Sidek!" (Mt. 25, 21). Dan hu li qed niċċelebraw illum: it-trijonf tal-Madonna, l-aktar persuna li hija xebh perfett ta' Ġesù.

Jekk wieħed jaqsam it-triq mill-Ġnien tal-Ġetsemani, jiltaqa' mal-post li fih sal-lum huwa meqjum il-misteru tal-mewt u t-tlugħ fis-sema tal-Madonna. Għax Marija wkoll ġiet mgħollija fis-sema bhal Kristu. Hi kienet ippredestinata sabiex ikollha sehem mill-misteru ta' Binha, għax Hi bħalu kienet batiet u sfat sultana tal-martri u omm id-duluri kollha.

Aħna kollha fid-dmir li nitolbu sabiex il-Knisja tkun tixbah lil Marija. Fuq kollox il-Knisja hija aħna; għalhekk aħna għandna nixbhu lil Marija.

Il-Knisja m'għandhiex sens fiha nnifisha imma fi Kristu, għax Kristu huwa l-Knisja. Jekk irridu ngħixu ta' Nsara rridu, bħal Kristu, nissieltu.



Biex inkunu ma' Kristu rridu nkunu bħal Marija, dik li hija l-aktar preżenti fil-ħajja tal-Knisja u fil-figura ta' Kristu Binha. Miegħu hija s-sieħba tiegħu fil-mewt u fil-qawmien: l-Assunta. Marija kisbet l-akbar unur, l-isbaħ kuruna, għax kif jgħid San Pawl: "Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-dehra tiegħu." (2 Tim. 4, 7-8)

O Sinjura, ikollok ħniena minna, u stampa fuqna s-siġill tal-grazzja tiegħek. Min jista' jkun daqshekk iblah u bla ħsieb li ma jħobbokx b'qalbu kollha, int li għax kien tant jistħoqqlok ġejt magħżula u mħejjija mill-Aktar Għoli sa minn qabel iż-żminijiet? Min jista' jiċħadlek il-qima u l-ġieħ jekk Dak li hu mweġġaħ mill-qawwiet kollha tas-sema, libbsek b'ġieħ daqshekk kbir? Min għalhekk ma jinżilx iqim bil-ferħ il-passi tiegħek, meta l-Mulej tal-glorja miel quddiemek u b'tant ħbiberija u mħabba rabtek miegħu? Għalhekk nitolbok, Sinjura, minħabba fih u għall-imħabba tiegħu, li f'din il-ħtieġa int ma tistmerrx it-talba tagħna, imma eħlisna dejjem mid-deni, int li int glorjuża u mbierka għal dejjem.

# Tagħrif dwar il-ħajja tal-istudent fl-iskejjel tagħna



Deo Grech




## Introduzzjoni

Permezz ta' din il-paġna se nkun qed naqsam magħkom ftit ħsibijiet u tagħrif siewi bil-ħsieb li nkun ta' għajnuna għalikom li għandkom sehem fl-edukazzjoni tal-ulied. Fuq kollox dawn l-artikli se jservu bħala stedina sabiex wieħed ikompli għaddej bir-riċerka tiegħu u jfittex aktar informazzjoni dwar is-suġġetti mqanqla.

L-artikli ppreżentati f'din il-paġna se jwasslu tagħrif dwar il-ħajja tal-istudent fl iskejjel tagħna. I lawnhekk se tibdew taqraw dwar dak li għaddej fil-ħajja bieżla tal-iskejjel, pariri dwar kif nistgħu ngħinu lil uliedna aħjar u nifhmu aħjar l-isfidi ġodda fil-klassijiet tagħna, u anke nbexxqu t-tieqa fuq sistemi ġodda ta' tagħlim li qed nitħejjew għalihom fl-iskejjel kollha tagħna.

Ilqajt bi pjaċir l-istedina tal-editur ta' din ir-rivista biex nibda nwassal dawn l-artikli edukattivi ta' kull xahar, mill-ħarġa li jmiss 'il quddiem. Bħala edukatur ħadt il-formazzjoni pedagoġika tiegħi

fl-Università ta' Malta bejn l-1993 u l-1997. Iżda ma waqaftx hemm. Dejjem emmint li, bħal f'kull professjoni oħra, it-taħriġ m'għandux jieqaf, u għalhekk komplejt bl-istudji tiegħi permezz tal-kors li wassalni għar-rwol fit-tmexxija tal-iskejjel u riċentement għall-Master's fl-Immaniġġjar Strateġiku u t Tmexxija mal-Akkademja Triagon ibbażata f'pajjiżna u l-Ġermanja.

Ilni ngħallem mill-1997 u dort għadd ġmielu ta' skejjel Maltin, kemm fir-rwol tiegħi bħala għalliem tal-primarja u wkoll bħala għalliem tad-Drama. Iltqajt ma' numru sabiħ ta' studenti, edukaturi u ġenituri tul ħidmiti. Ta' 33 sena ħassejt li kien wasal iż-żmien li nagħmel pass ieħor 'il fuq fil-professjoni tiegħi. Għalhekk bdejt inservi ta' assistent kap fl-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq. Ngħożżhom bħala snin mill-isbaħ, meta bdejt nitgħallem inwessa' r-responsabbiltà tiegħi mill-għexieren li kont ngħallem fil-klassi għall-mijiet li kienu jattendu fl-iskola. Ftit snin wara nħtart aġent kap tal-istess skola u eventwalment kap tal-iskola. Ir-responsabbiltajiet li kienu qed jistennewni bħala kap tal-iskola kienu ferm akbar mill-ammont ta' passi li kelli nagħmel mill-iskrivanija tal-assistent kap għall-uffiċċju l-ġdid tiegħi.

Bħala kap tal-iskola tgħallimt nilbes ammont ta' kpiepel waqt il-qadi ta' dmirijieti. Hemmhekk trid isservi bħala mexxej fejn, flimkien mal-bqija tat-tim tat-tmexxija u l-kumplament tal-edukaturi u l-istaff, u tagħti d-direzzjoni lill-iskola tiegħek skont il-ħtiġijiet u d-direzzjonijiet mogħtija mid-direttorati u mill-kollegi sħabek. Iżda mhux biss. Fl-uffiċċju jiġu jżuruk għadd ta' nies ġmielhom. Min għal xi parir, min għal xi firma, min biex issellfu ftit ħin minn tiegħek biex tisma' l-isfidi li jkun għaddej minnhom u min biex jaqsam miegħek ideat jew suġġerimenti għal titjib. Ilkoll importanti u kulħadd ħaqqu l-istess ħin. Imma ma' dawn hemm ukoll ammont ta' emails, li saru fost l aktar mezz ta' komunikazzjoni użat u li jridu jitwieġbu f'qasir żmien. Għajb jekk tinsa tiftaħhom u jkun fihom xi biċċa xogħol b'data fissa fuqhom fil-qrib.

Ftit tas-snin wara ssejjaħt għal taħriġ intensiv lil hinn minn xtutna. F'Singapore, preċiżament. Art Ażjatika li minkejja d-distanza fiha sibt ħafna affarijiet li fakkruni f'art twelidi. Lura mit-taħriġ fil-ħiliet għat-tmexxija tal-iskejjel intlabt ningħaqad ma' waħda mill-ikbar skejjel primarji f'pajjiżna, l-iskola primarja ta' Birkirkara fi ħdan il-Kulleġġ Santa Tereża. Skola ta' 'l fuq minn 150 edukatur u 800 student. Anke ngħidha nħoss ir-responsabbiltà kbira tagħfas fuq spallejja, aħseb u ara li tmexxihom bħala l-kap tal-iskola! Iżda pass pass u tarġa tarġa l-muntanja nitilgħuha wkoll.

Dak kollu li se nibda naqsam magħkom f'dawn il-kitbiet tiegħi se jkun ġej minn dawn is-snin ta' esperjenza. Minn hawn intenni l-istedina sabiex ma tiqfux biss ma' dak li se taqraw iżda nħeġġiġkom tkomplu twessgħu l-għarfien tagħkom billi tieħdu spunt mill-artikli u timirħu lil hinn fir-riċerka tagħkom ħalli twessgħu l-għarfien tagħkom fuq is-suġġett diskuss.

L-appuntament tiegħi għal magħkom huwa għall-ħarġa li jmiss, bl-ewwel artiklu minn dis-sensiela ta' artikli edukattivi. ■

# Kien jagħtini ċ-ċikkulata!



Patri Mario Attard OFMCap

**Niftakarni kont immur inqarbnu fir-Renal Unit, eżattament f'waħda miż-żewġt ikmamar kbar li hemm f'dan il-unit, jiġifieri dik tax-xellug u l-oħra tal-lemin.**

Għalkemm ta' karattru sieket xorta waħda kien ikollu seba' mitt sena biex nasal wasla sa ħdejh, bil-għan li nagħtih lil Ġesù. Kemm kien iħobb jitqarben! Komm, tabilħaqq, kien ikun qed jistennieh dak il-mument tat-tqarbin imqaddes! Biss, filwaqt li qed naħseb ftit dwar ħajtu, illum ma ngħidx li dan il-pazjent ħelu, u tabilħaqq minn tagħna, kien ikollu seba' mitt sena biex jirċievi lil Ġesù b'mod sagramentali. Dan il-pazjent ta' qalb kbira kien ikollu ħrara mill-akbar li jirċievi lil Ġesù anki b'mod mistiku! Għax kien lest li jħobbu anki fija, il-Patri... il-midneb!

Kull darba li l-Ispirtu s-Santu kien joħodni sa ħdejh kont ninnota ħaġa tassew sabiħa. Ħaġa li, għall-ħlewwa tas-sema li kellha fiha, tikkommovini. Għax mimlija b'dik l-imħabba fejqana li ebda moħħ enċiklopediku u li jaf ħafna affarijiet dwar ir-reliġjon, hekk li jbellah lil min jisimgħu jitħaddet, ma jista' qatt u qatt jagħti! Għax dan ir-raġel speċjali, kull darba li kont nasal wasla sa ħdejh, hekk kif kont inkun qed inkun inqarbnu, baxx baxx, u biex żgur ma jarah ħadd, kien joħroġ biċċtejn ċikkulata mill-but tal-qalziet u kien jitlaqhomli f'idejja baxx baxx! U dan kien jagħmlu qisu qatt ma ġara xejn.

Nistħajlek tgħidli, filwaqt li ċċarrat ħalqek fi tbissima, bħalma ġieli kont inċarrtu jien ukoll, wara li qrajt din id-deskrizzjoni veritiera għall-aħħar: *Wiċċ iċ-ċikkulata għandek, Patri!* Veru! U nerġa' ngħidlek: Veru! U għandek miljun elf raġun li tirraġuna hekk! Għax, u issa ħa nkunu sinċieri, min tassew minna għandu wiċċ iċ-ċikkulata? Ajma! L-aktar jekk issa, skont l-istudji li qed isiru, mhux tajjeb li nieklu dak iz-zokkor kollu! Għax iz-zokkor la hu tajjeb għalina l-kbar u, wisq aktar, lanqas għaż-żgħar tagħna, tafux! Jekk ma rridux li niftħuhom beraħ għall-Ħdud u l-festi kmandati għal ċertu mard minn età daqshekk żgħira.



Kos, hux! Iz-zokkor tal-bniedem ma jagħmilx tajjeb;

imarrad. U joqtol ukoll! Għax faċli ħafna jintroduċi d-dijabete, li taf tkun fatali fuq li fatali. Imma z-zokkor tal-Mulej, sieħbi, dak xi ħaġa oħra! Għax dak, sieħbi, tajjeb u tajjeb żgur. U dan ħuna, mogħni b'dik is-sempliċità u l-imħabba Nisranija, għax kellu fih il-ħlewwa ta' Kristu nnifsu tbaqbaq u tfur minn ġo fih, kien, iva, jagħti 'l-jum tax-xogħol tiegħi bla heda f'Mater Dei dik il-ħlewwa li tant kien ikollu bżonn! L-aktar meta jkun xi jum ejja ħa mmorru u l-pager m'hemmx li jieqaf, għax iġerrini, tista' tgħid, ma' kull rokna tal-post, bħalma tagħmel id-damma fil-logħba tal-*iSnakes and Ladders*! Ovvjament kollox jiddependi min-numru tal-kaxxa tal-pager! Mela skont x'numru jitla', kif jafu tant tajjeb sħabi l-patrijiet li jaħdmu miegħi u kull min ħadem, fil-passat, f'dan l-isptar ġgantesk.

Iżda mbagħad il-Mulej, fil-grazzja tiegħu, meta ta' chaplain naħsel se nħalli l-għeja tirkibni, għax dgħajjef, bħalek, għażiż ħija u oħti, ifeġġ dan il-bniedem li b'tant umiltà u b'ġest li ġej direttament ***mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna*** (Lq. 1:78), dritt dritt jibda jfejjaq lil qalbi! Għax dak l-att mill-isbaħ tiegħu, baxx baxx u mingħajr ħafna fanfarri u fanfarunati, mill-ewwel, bħal leħħa ta' berqa, ifakkarni fil-Kelma qawwija u setgħana dwar il-karità vera li jgħallimna Ġesù:

***Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet. Mela meta tagħmel karità tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew ngħidilkom li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.*** (Mt. 6:1-4)

L-umiltà ta' Kristu li kienet tiddi f'dan ir-raġel fakkritni f'parti oħra tal-vanġelu: ***Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fl-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar***



***tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha*** (Mt. 13:31-32). U llum nistaqsi, l-għaliex ix-xogħol pastorali ta' wħud tant iħalli frott? Għax ma jkunx xogħol li ġie rvinat bil-kampanja pubbliċitarja! U meta wieħed jisma' dan it-tqalligħ ta' diskors bilfors li, bil-ħabel m'għonqu tad-diskors fil-vojt, ikollu jikkonkludi li d-dinja qed issalva b'dan ix-xogħol! Le, dan mhux Ġesù, li b'għaqal mill-aktar kbir jgħidilna: ***Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu.*** (Lq. 17:10)

Il-veru xogħol tal-Mulej hu dak li ma jiġix reklamat għax ikun sar! Għax min iwettqu jaf li mhux hu kien li ħadem imma L-ISPIRTU S-SANTU u xejn aktar! Min jaħdem għall-Mulej jagħmel bħal dak il-bidwi li b'ħafna skiet jiżra' ż-żerriegħa tal-mustarda. 'Il bogħod mill-ħafna storbju qerried tal-pubbliċità qarrieqa u mxajtna li therri l-intenzjoni retta l-għaliex tisraq il-glorja u t-tifħir, li huma indirizzati BISS lejn il-Mulej u xejn aktar! Għax lilu BISS jappartjenu!

Hemm hu dan ir-raġel qaddis! Ir-raġel li, għax ried jagħtini ċ-ċikkulata, u ried jagħtihieli minn qalbu, ma qagħadx juri kemm hu 'qaddis'(?)! Ħbieb, kull darba li niftakar fih nistagħġeb mill-ġdid għal din il-wirja vera ta' qdusija li tqaddsek u mhux tqażżek. F'dan l-att ta' ġenerożità kbira tiegħu miegħi ma kien hemm xejn tiegħu nnifsu! Imma kollox kien Ġesù, Ġesù... u Ġesù!

Fl-ittra appostolika dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tal-lum, *Gaudete et Exsultate*, il-Papa Franġisku jqaxxrilna l-qdusija li biha ġab ruħu miegħi dan ir-raġel mhux tas-soltu:



*Din il-qdusija li għaliha l-Mulej qed isejjaħlek tkompli tikber b'ġesti żgħar. Ngħidu aħna: waħda mara tmur il-ħanut tagħmel ix-xirja tagħha, tiltaqa' ma' ġara tagħha u jibdew ipaċpċu, u jibdew jikkritikaw. Imma din il-mara tgħid bejnha u bejn ruħha: "Le, m'jien se ngħid xejn ħażin fuq ħadd." Dan hu pass lejn il-qdusija. Imbagħad id-dar binha jitlobha toqgħod tisimgħu jkellimha fuq il-fantasiji tiegħu u, imqar jekk tħossha għajjiena, tpoġġi bilqiegħda ħdejh tisimgħu b'sabar u mħabba. Araw offerta oħra li tqaddes.* (nru 16)

Għalhekk lil dan ir-raġel, avolja m'għadux aktar magħna, ħa nibqa' niftakru fuq li niftakru! Għax kien jagħtini ċ-ċikkulata bi mħabba kbira, liema mħabba qed tibdel lili fil-qdusija vera li hu kien jgħix fis-skiet ta' ħajtu!

Grazzi minn qalbi, ħabib! U l-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem! ■

# L-eżaltazzjoni **tas-salib**



SR CHIARA BENEDICTA TAS-SALIB OSC

Darba smajt wieħed saċerdot jgħid li Alla rrivela lilu nnifsu f'raġel imsallab, ikkastigat għall-mewt mill-ġustizzja stess; u għax jiena ndum xi ftit biex nifhem l-affarijiet tiegħek, o Maħbub divin, ma fhimtux mill-ewwel dak li ried jgħaddili dan is-saċerdot qaddis. Imma x-xewqa li nifhem kienet, u għadha, ikbar mil-limitazzjonijiet ta' moħħi – u għalhekk ma qtajtx qalbi u ħallejtek tmexxini, ftit ftit, u bis-sabar kollu, sakemm wasalt li nifhem u *naċċetta* din il-verità tiegħek. Għax mhux faċli taċċettah is-salib.



## IS-SALIB HU RIVELAZZJONI. X'JIRRIVELALNA S-SALIB?

Xejn ħlief lilek – bħala Alla – u lill-bniedem, jiġifieri lilna, u kif aħna fin-natura mħassra tagħna. Imma din ir-rivelazzjoni kienu kapaċi jaslu għaliha anke l-pagani ħafna snin qabel ma twelidt int, Mulej. Mhux Platun kien li qalilna li l-bniedem 'ġust' kellu jkun dak li għal għajnejn id-dinja jidher 'ħażin' u kriminal? U dan għaliex il-bniedem ġust ma jimxix skont il-kriterji tad-dinja, u lanqas ma joqgħod fuq il-ġustizzja li tagħti d-dinja; u lanqas ma jitħalla jitkaxkar mal-kurrenti ta' żminijietu – imma jfittex il-verità u l-ġustizzja għalih innifsu, jiġifieri bi kriterji li huma ogħla minn dawk li jagħmel il-bniedem u li jinbidlu mill-bniedem, skont u kif ikun jaqbel lill-bniedem. Għalhekk, skont Platun, il-bniedem 'ġust' kellu jkun dak il-bniedem mhux mifhum u ppersegwitat. Imbagħad ikompli billi jagħtina deskrizzjoni mqanqla u perfetta ta' dak kollu li għaddejt minnu int fil-passjoni tiegħek, erba' mitt sena wara li kiteb dan kollu. Jgħid hekk: *'Huma jgħidu li l-bniedem ġust tagħna jkun imsawwat, imżeblaħ, jobżqulu*

*fuqu, jaħarqulu għajnejh u wara li jgħaddi minn kull xorta ta' tbatija jiġi msallab.'* Hawn min jgħid li dan il-filosfu kbir u serju kellu f'idejh is-siltiet tal-*Għanja tal-Qaddej Sofferenti ta' Yahweh* tal-Profeta Isaija meta kiteb dan kollu. Kien x'kien, jibqa' l-fatt li dan il-kliem jibqa' jimpressjonana u dejjem iħalli marki profondi fuq dik ir-ruħ Nisranija li tħobbok.

Bir-raġuni tiegħu biss il-bniedem kien kapaċi jasal għall-konklużjoni li biex timxi tajjeb u sewwa fid-dinja trid bilfors tbati. Hekk hu, o Msallab Maħbub tiegħi – biex timxi warajk u tibqa' tajjeb trid bilfors tgħaddi mill-persekuzzjonijiet u t-taħbit.

## IMMA GĦALIEX? GĦALIEX GĦANDU JKUN BILFORS HEKK?

Għax l-istorja tiegħek li għext bħala bniedem fuq din l-art tagħti xhieda, u hi l-prova, li meta l-bniedem l-aktar ġust u safi, li għamel biss ġid – int – dhert fid-dinja, kont tassew iġġustizzjat mis-sistema ġudizzjarja ta' żmienek u kkundannat bla ħtija għal mewt l-aktar ħarxa. U dan wara dik it-tbatija kollha li għaddejt minnha meta kont fil-pretorju, fejn ġejt imżeblaħ minn dawk is-suldati kollha. Għax dan hu l-bniedem; dan hu int, ja bniedem, jgħidilna s-salib; int li ma tiflaħx la tħares u lanqas taċċetta bniedem ġust li jaf iħobb u jagħder u li jimxi bil-ġustizzja ma' kulħadd u jagħmel il-ġid, ma' kulħadd u lil kulħadd, mingħajr ma jħares lejn l-uċuħ jew il-kulur tal-partit. Għalik, bniedem tad-dinja, il-bniedem ġust hu baħnan, stupidu, twarrbu minn quddiem għajnejk u meta tista' tikkundannah għall-mewt



ukoll, għax l-eżempju u l-ħajja tiegħu lilek iċanfruk. Iċanfrek bla ma jkellmek, għax la darba int ħażin għandek bżonn l-inġustizzja ta' ħaddieħor biex tiskuża lilek innifsek u tiġġustifika l-ħażen kollu li hemm ġewwa fik, u tkun tista' tkompli tinħeba warajh.

## DAN HU L-BNIEDEM. DIN HIJA JIEN. DIN HI L-VERITÀ TAL-BNIEDEM LI JIRRIVELALNA S-SALIB.

Mulej Ġesù, hu veru li s-salib għandu dan l-aspett ikrah ħafna li m'għandix, u ma rridx, inwarrab ħarsti minnu. Meta nara lilek, l-aktar bniedem safi li qatt eżista fid-dinja, maqtul u mdendel ma' salib b'dan il-mod hekk ikrah u inġust, nibda nibża' minni nnifsi għax nifhem sa fejn nista' nasal jien kieku kelli nwarrab ħarsti minn fuqek. Imma l-biża' mhuwiex l-unika ħaġa li nħoss meta nħares lejk, o Msallab fqir, għaliex dak li jħares lejja minn fuq is-salib - int - mhuwiex xi wieħed fallut jew xi vittma traġika taċ-ċirkustanzi jew tal-umanità. Int ma mittx iddisprat. Meta nħares f'għajnejk jien nara l-ewwel nett it-tjubija ta' Alla tiegħi, u din it-tjubija lili tagħtini s-saħħa mill-ġdid kuljum biex ma naqtax qalbi la mid-dinja u wisq anqas minni nnifsi u mill-ħażen li hemm ġewwa fija. Hija din it-tjubija tiegħek li tħares lejja minn fuq is-salib kull meta nażżarda ngħolli l-għajnejn għajjiena u mtaqqla ta' ruħi biex inħares f'dawk tiegħek.

Int Alla tiegħi, tlaqt lilek innifsek f'idejna l-bnedmin, ingħatajt għalina b'mod assolut meta rfajt it-tbatijiet kollha tagħna, u sammarthom miegħek fuq is-salib, biex taqlgħalna l-maħfra ta' dnubietna mingħand il-Missier Etern u biex tifthilna l-bieb tal-eternità. Fid-dgħufija u fit-tbatija tiegħek issa nara l-qawwa u s-saħħa kollha tiegħek u niftakar kemm jien maħbuba; u terġa' tiġini t-tama biex għada, anzi issa, nerġa' nqum u nibda ngħix mill-ġdid, għax issa s-salib ma baqax biss ċanfira imma sar ukoll is-simbolu tal-maħfra tiegħek. Issa naf li nista' nsibek hemm, fil-ħama kollha tad-dnubiet tiegħi, fil-qtigħ il-qalb, fil-weġgħat u fil-fallimenti kollha ta' ħajti. M'għandix għalfejn nipprova naħrab aktar minni nnifsi u mill-miżerja tiegħi; m'għandix nibża' aktar minni nnifsi - għax Alla l-Missier jogħġbu jirrivela lilu nnifsu fid-dmugħ tiegħi u mhux fir-risposti li nfittex mid-dinja, li ġġegħelni nbati u li toffrili biss ħażen, persekuzzjonijiet u illużjonijiet passiġġieri li jisfumaw fix-xejn kif nipprova mmisshom. Id-dinja tħallini waħdi - miegħek, o Salvatur Imsallab u Etern, ma jien waħdi qatt.

Illum qisni ma nistax nieqaf; ma nistax insib konklużjonijiet għal dawn il-ftit ħsibijiet imgerfxin li jiġuni f'moħħi u li jaqtgħuli nifsi kull meta nħares lejk, sieket u midrub. Hemm wisq x'tgħid fuq l-imħabba tiegħek tal-għaġeb u tal-ġenn għalina l-bnedmin... Forsi l-aħjar ħaġa li għandi nagħmel issa hija dik li nagħlaq ħalqi u noqgħod ftit bi kwieti... Iva, għal-lum daqshekk; issa sar il-ħin li nadura u mhux li nkompli naħseb, nitkellem u niffilosofizza aktar. Inħobbok, Mulej.

*(Riflessjonijiet meħudin u adattati mill kotba tal-Papa Emeritu Benedittu XVI, Benedictus u Co-Workers of the Truth, u mill-ktieb tal-Kardinal Robert Sarah, The Power of Silence.)* ■

# Il-pjagi ta' Padre Pio (L-Ewwel Parti)

Padre Pio jurina t-triq: "Itlob, ittama, tinkwetax"



Vincent Vella OFS

**Riflessjonijiet ta' San Piju:**

1. Tfarraġ b'dan il-ħsieb tas-Sema: it-tbatijiet morali u fiżiċi tiegħek juru kemm int kapaċi tħaddan ir-rieda tal-Missier. Dawk li jħobbu lil Ġesù għandhom jikkonformaw dejjem iżjed ma' dan il-mudell divin u ta' dejjem. Ġesù fuq is-salib reħa lilu nnifsu fl-ispirtu tiegħu. Ġesù fl-umanità tiegħu għadda mill-esperjenza ta' tbatija ħarxa, mitluq waħdu, bħal wieħed abbandunat minn Missieru tas-sema.

2. Ħaddan is-salib ta' Ġesù, kif għamlet il-Verġni Marija, u int ma tkunx imċaħħad mill-faraġ. Marija kienet paralizzata qrib is-salib ta' Binha, imma ħadd ma jista' jgħid li kienet abbandunata. Dan kien mument li tistqarr. Xi mħabba kbira kellha Marija, li sofriet miegħu mingħajr ma setgħet ixxerred demgħa waħda!

## JIPPRUVAW IDAĦĦLU D-DUBJI FL-AWTENTIĊITÀ TAL-PJAGI

Padre Pio dejjem sab min jopponih. Saħansitra wara mewtu wkoll għadna nsibu min jipprova jnissel dubji serji dwar il-pjagi miftuħa li rċieva fl-20 ta' Settembru 1918. Talin bħal dawn ma kinux kuntenti jikkalunnjaw lil Padre Pio meta kien għadu magħna iżda komplew il-missjoni tax-xitan anki fi żminijietna. F'dawn l-aħħar snin qamet polemika li nisslet korla kbira, u dan mhux biss fost id-devoti ta' dan il-qaddis kbir. F'żewġ artikli li dehru f'gazzetta popolari li toħroġ kuljum fl-Italja għal darb'oħra ppruvaw jiżirgħu d-dubji dwar il-pjagi tal-qaddis. L-ewwel artiklu kitbu l-Professur universitarju Sergio Luzatto, li kiteb dwar dawn id-dubji, li hu stess kien ippubblika dan l-aħħar fil-ktieb tiegħu *Padre Pio - Miracles and Politics in Twentieth Century Italy*. It-tieni artiklu nkiteb minn ġurnalist ieħor, li bena l-artiklu tiegħu fuq informazzjoni li ġabar mill-istess sors li uża Sergio Luzatto. Dawn l-artikli ppreżentaw xhieda u dokumenti b'tali mod li jdaħħlu dubji serji dwar l-awtentiċità tal-pjagi u tal-qdusija ta' Padre Pio. Imma dawn iż-żewġ kittieba waslu għall-konklużjonijiet żbaljati tagħhom billi jew b'malizzja jew b'kapriċċ ħallew barra fatti li huma faċilment aċċessibbli għal kulħadd. Dan hu mod tassew fqir kif wieħed jirraġuna u kif imbagħad jasal biex jikteb dwar fatti storiċi. Ġurnalisti bħal dawn issib kemm trid jiġru mas-saqajn. Ġurnalisti serji jfittxu dejjem il-verità u ma jħallux skopijiet oħra jgħawġulhom kitbiethom!

## X'INHI L-AKKUŻA TA' DAWN IT-TALIN?

Fi ftit kliem dawn bnew teorija falza fuq fatt li ġara fl-1919. Dak iż-żmien Patri Piju kien akkwista mingħand spiżjar ftit aċtu karboliku magħruf ukoll bħala "phenol" u "veratrine", u wara talab lill-ispiżjar biex iżomm fommu sieket. Il-konklużjoni ta' dawn it-talin mhix daqshekk ċara, imma tagħti lil wieħed x'jifhem li l-aċtu karboliku u l-veratrine "huma sustanzi li kapaċi jagħmlu ferita fl-idejn". Madwar din it-teorija falza bnew it-teżi kollha tagħhom u kkonkludew: "Minflok ir riħa tal-vjoli u l-fwieħa tal-qdusija deher li miċ-ċella ta' Patri Piju kienet ħierġa riħa ta' aċti, veleni u ingann."



Dawn it-talin ma qalux minn liema sors xjentifiku sabu li dawn is-sustanzi kienu kapaċi jagħmlu feriti fondi li jinfdu minn naħa għall-oħra fl-idejn u fis-saqajn! Barra minn hekk, f'kull dizzjunarju tal-mediċina wieħed isib li fil-passat l-aċtu karboliku kien jintuża bħala diżinfettant filwaqt li l-veratrine kienet tintuża biex ittaffi l-uġigħ. Fl-1919 nafu li Padre Pio diġà kellu l-pjagi. Għalhekk kellu feriti li seta' kellhom bżonn jiġu diżinfettati u li kienu juġgħuh. Nafu wkoll li dawn il-pjagi kienu jikkawżawlu mistħija, umiljazzjoni u konfużjoni. Tant hu hekk li meta kien irċieva l-pjagi moħbija, ħafna snin qabel fi Pietrelcina, ma kienx tkellem dwarhom mad-direttur spiritwali tiegħu ħlief sena wara. Għalhekk kif seta' Patri Piju jfiehem dan kollu lill-ispiżjar mingħajr ma jkun imbarazzat?

Fil-bidu Patri Piju kien qal lill-ispiżjar li l-aċtu kellu bżonnu biex "jiddiżinfetta s-siringi li kien juża fl-injezzjonijiet li kien jagħmel lin-novizzi" li hu kien id-direttur spiritwali tagħhom. U din kienet verità. Madankollu, meta kien hemm bżonn ta' aktar aċtu, f'nota li kiteb Patri Piju lill-ispiżjar aktar tard kiteb biss li dan kellu bżonnu biex "jiddiżinfetta".

Jekk għall-mument naċċettaw it-teżi ta' dawn it-talin, li Patri Piju wasal biex ikkawża hu stess dawn il-feriti, irridu wkoll naslu għall-konklużjoni li għamilhom bi skop u żgur li m'għamilhomx b'kapriċċ. Inkunu rridu nammettu wkoll li hu kien għamilhom biex joħloq sensazzjoni u jxerred din l-aħbar mal-erbat irjieħ tad-dinja. Imma mill-fatti joħroġ ċar li dan ma kienx il-każ. Patri Piju talab lill-ispiżjar biex iżomm fommu sieket, għax kien imbarazzat u ma riedx li jkun magħruf dak kollu li ġralu. U dan mhux għax beża' li kien se jinqabad b'xi qerq, kif ikkonkludew dawn il-kittieba. Il-fatt li ma xtaq juri lil ħadd b'dak li ġara, saħansitra lid-direttur spiritwali tiegħu, iwaqqa' kompletament it-teżi falza li bnew dawn it-talin.

Imma dak li jwaqqa' kull dubju u juri li din

hi teorija falza joħroġ mill-esperiment li fl-1919 il-Professur Amico Bignami għamel fuq il-pjagi ta' Patri Piju, fuq ordni tas-superjuri tal-Kapuċċini. Tajjeb wieħed jinnota li dan il-professur kien xettiku għall-aħħar dwar dawn il-pjagi. Wara eżami bir-reqqa Bigami ħareġ b'din l-ipotesi: "Mhux ċar kif tfaċċaw il-pjagi, imma setgħu ġew ikkawżati involontarjament bil-qawwa tal-ħsieb u miżmuma miftuħa b'xi kimika." U biex joħroġ ta' raġel u juri li din kienet il-verità: "Ma ħalliex li jintużaw aktar mediċini, speċjalment l-aċtu karboliku. Huwa mbagħad ordna li l-pjagi jiġu infaxxati u ssiġillati fil-preżenza ta' żewġ xhieda, u li dawn is-siġilli jkunu ċċekkjati għal tmint ijiem sħaħ minn dawn ix-xhieda..."

Fit-tmien jum, meta fl-aħħar tneħħew il-faxex, mhux talli d-demm ma waqafx imma ħareġ tant demm minn idejn Patri Piju li waqt li kien ikun qiegħed iqaddes bdew inewlulu ħafna mkatar biex ikun jista' jnixxifhom. Ta' dan kollu kien hemm xhud Padre Paolino da Casacalenda, il-gwardjan ta' San Giovanni Rotondo. Madankollu llum inżidu biss l-aqwa ċertifikat li l-Professur Giorgio Festa, kirurgu minn Ruma, għamel dwar il-pjagi ta' Patri Piju wara li eżaminahom bir-reqqa kollha. Huwa għamel din l-istqarrija: "Dawn il-pjagi la għandhom u lanqas qatt jista' jkollhom spjegazzjoni xjentifika, għaliex huma kontra l-istess liġi naturali!"

Fit-tieni artiklu kienu ppubblikati xi noti li kien kiteb il-Qaddis Papa Ġwanni XXIII, noti li nkitbu fi żmien meta lill-Papa kienu tawh informazzjoni malizzjuża u żbaljata dwar Padre Pio. Il-Papa kien kiteb hekk: "Jekk dak li kien irrappurtat lili huwa minnu, allura jien nista' nara biss diżastru għall-erwieħ." U l-kittieba waqfu hemm. Imma llum nafu li dwar din l-informazzjoni żbaljata mgħoddija lill-Papa, l-Arċisqof ta' dak iż-żmien (fl-1961) ta' Manfredonia, Mons. Andrea Cesarano, kien iċċara dik is-sitwazzjoni li nħolqot. B'riżultat ta' dan iktar tard il-"Papa Buono" kien ammetta: "Kont infurmat ħażin!"

Artikli u intervisti bħal dawn se jibqgħu jinbtu minn żmien għal ieħor. Għalhekk tajjeb li niċċaraw il-fatti kif ġraw tassew, biex ma nkunux aħna li naqgħu fl-iżball bħal dawn it-talin.





FR JULIAN SAMMUT OFM

# Is-solennità tal-Omm Qaddisa **Santa Klara t'Assisi - 11 t'Awwissu**

L-Ordni Franġiskan, imxerred fid-dinja flimkien mat-Tieni Ordni Franġiskan tas-Sorijiet il-Foqra ta' San Damjan, illum jifraħ fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa solenni ta' Santa Klara t'Assisi, omm u fundatriċi ma' Missierna San Franġisk tat-Tieni Ordni Serafiku - il-Klarissi.



Santa Klara t'Assisi, bint il-familja nobbli Offreduccio t'Assisi, ommha u missierha Ortolana u Favarone d'Offreduccio, twieldet fis-sena 1193 WK. Għexet sa 18-il sena fil-familja u n-nobbiltà, u kienu jħaddnu l-valuri Nsara bħala impenn u xhieda. Minn ommha Ortolana xorbot ħafna mħabba lejn Alla, lejn Ġesù Kristu u lejn il-Knisja.

Imsaħħa mill-ideal evanġeliku ta' Missierna San Franġisk, li flimkien mal-ewwel sħabu patrijiet Minuri kienu qed jgħixu fl-imqaddsa Porziuncola, ġewwa Santa Marija tal-Anġli, hi ddeċidiet li tħalli kollox u bħall-ewwel patrijiet Minuri tgħix ħajja ta' faqar u penitenza fil-fraternità li twieldet fil-lejl ta' nhar Ħadd il-Palm, 28 ta' Marzu 1211, f'riġlejn l-artal tal-Verġni Mqaddsa Marija tal-Porziuncola, minn fejn bdiet tgħix ħajja ta' talb, kontemplazzjoni u faqar qaddis, l-ewwel għand is-sorijiet Benedittini ta' Bastia Umbra u mbagħad għal 42 sena fl-ewwel protomonasteru tat-Tieni Ordni Franġiskan: San Damiano f'Assisi.

## Santa Klara t'Assisi - 11 t'Awwissu

Isimha Chiara jfisser "dawl" u jurina biżżejjed x'kienet il-missjoni nobbli ta' Santa Klara t'Assisi: dik li tkun "dawl" għal bosta xbejbiet, għall-Knisja u għad-dinja, kemm fi żmienha kif ukoll f'kull żmien tal-umanità. Bħalma San Franġisk Missierna sar u hu "dawl", "restawratur" u "appostlu" fis-seklu 13 għall-Knisja u għad-dinja, hekk saret Klara minn Assisi: saret u hi "dawl" u "restawratriċi" għal uliedha s-Sorijiet il-Foqra u għad-dinja ta' kull żmien bil-qawwa tal-valuri evanġeliċi.

Hi twassal il-messaġġ u l-kobor tal Evanġelju, b'ħajja u b'impenn ta' għażla tal-faqar imqaddes, l-umiltà, il-minorità, il-fraternità universali u fuq kollox fl-imħabba sublimi lejn Alla, il-benefattur tagħna, il-Missier ta' kull ħniena. (Test. S. Klara, v. 2)

Bħal "xitla ċkejkna" (Test. Kl., v. 37), tal-Missier Serafiku Franġisku t'Assisi, hi tgħallem lil uliedha s-sorijiet Klarissi, lill-patrijiet Minuri, lill-Franġiskani u lilna lkoll l-imħabba kbira li għandu jkollna għal Alla u għal xulxin u li naqdu dejjem lil ħutna "fil-faqar u fl-umiltà u bil-ferħ". (Reg. Kl., kap. 6)

Santa Klara għexet "fil-fedeltà tal-ħajja ta' kuljum" l-ideal evanġeliku ta' Missierna San Franġisk. Hi għalhekk, kif tistqarr fil-kitbiet, hi "oħt, qaddejja u omm u fuq kollox mudell" (Test. Kl. vv. 37, 79; Barka S. Klara v. 6, Reg. Kl. 1, 3; 4, 7-8) għal uliedha s-Sorijiet il-Foqra ta' San Damjan, għall-patrijiet, għall-Franġiskani li jħobbu l-ideal evanġeliku u għan-Nisrani ta' kull żmien.

Hi turina l-kobor u s-sbuħija tal-ħajja kontemplattiva u Nisranija - ta' dawk kollha li jfittxu lil Alla fil-ħajja ta' kuljum, fil-qawwa tal-Ewkaristija, fl-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, fil-qadi bl-umiltà u bil-ferħ, fis-sagrifiċċji u fil-penitenzi ta' kuljum. Hi turi lil uliedha u lilna s-sbuħija u l-kobor fid-dinja tal-lum tal-bniedem li jfittex lil Alla u ma jistax jgħix mingħajru.

Fl-1958 il-Papa Piju XII ħatarha patruna tat-televiżjoni għall-għeġubijiet li wettqet f'ħajjitha f'San Damjan. Illum, wara 800 sena, b'aktar minn 20,000 Klarissa mad-dinja kollha, Santa Klara t'Assisi u wliedha s-Sorijiet il-Foqra huma "proposta u tweġiba" għal dak kollu li l-bniedem dejjem ifittex u li f'Alla biss u bil-qawwa tat-talb kontinwu l-bniedem isib il-milja tal-ferħ. Ħutha s-Sorijiet il-Foqra ta' Santa Klara (il-Klarissi) f'San Ġiljan, waqt li huma don għall-Ordni Franġiskan, għall-Knisja, għal pajjiżna u għad-dinja, joffru kuljum għall-familjari, il-benefatturi u dawk kollha li jħabbtu l-bieb tal-monasteru ħajja ta' talb, faqar, sagrifiċċji, xhieda ta' vera mħabba u qdusija.

Santa Klara t'Assisi fil-punt tal-mewt tfaħħar lil Alla Missier u Ħallieq għad-don kbir tal-ħajja: "Grazzi, Mulej, talli ħlaqtni." Aħna llum u kuljum infaħħru lil Alla ma' Santa Klara u ma' dawn ħutna s-sorijiet għad-doni u għall-grazzji kollha li Alla jagħtina.

Aħna nitolbu għalihom biex ikomplu jqaddsu d-dinja u biex qatt ma jonqsu l-vokazzjonijiet kontemplattivi, reliġjużi u saċerdotali fil-ħajja tal-Knisja u fil-familji tagħna. ■

Ir-riċerka tal-Beatu Carlo Acutis dwar il-Mirakli Ewkaristiċi



# Ġabra ta' mirakli Ewkaristiċi miġbura **mill-Beatu Carlo Acutis** (L-Ewwel Parti)

RUBEN PULLICINO

Il-Beatu Carlo Acutis beda jiġbor il-mirakli ewkarisitiċi meta kellu biss 11-il sena. Kien kiteb li aktar ma nirċievu l-ewkaristija aktar insiru nixbhu lil Ġesù sabiex nersqu lejn il-ġenna. Hu kien saqsa lill-ġenituri tiegħu sabiex jibdew joħduh fil-postijiet fejn seħħew dawn il-mirakli ewkaristiċi. Sentejn u nofs wara dan il-proġett tiegħu ġie komplut. Huwa rriċerka 'l fuq minn 136 miraklu ewkaristiku li seħħew matul iż-żmien f'pajjiżi differenti madwar id-dinja u li ġew aċċettati mill Knisja. Fil proġett tiegħu huwa ġabarhom f'sit fuq l-internet bħala mużew virtwali. F'din is-sensiela ta' kitbiet ser inkunu qed naraw ftit dawn il-mirakli ewkaristiċi, wieħed wieħed.



## BUENOS AIRES, L-ARĠENTINA - 1992, 1994 U 1996





Il-parroċċa ta' Santa Marija fi Buenos Aires kienet protagonista ta' 3 mirakli ewkaristiċi, li seħħew fl-1992, fl-1994 u fl-1996. Il-Professur Ricardo Castanon Gomez kien imsejjaħ mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien ta' Buenos Aires, li kien il-Papa preżenti, il-Papa Franġisku, sabiex jinvestiga dak li ġara fl-1996.

### 1992

Wara l-quddiesa tal-Ġimgħa 1 ta' Mejju, waqt it-tħejjija tal-pissidi għall-quddies li kien imiss, ministru ewkaristiku kien sab xi biċċiet minn ostja kkonsagrata fuq il-korporal. Il-qassis mexa skont il-proċeduri tal-Knisja dwar xi jrid isir f'sitwazzjonijiet bħal dawn u qiegħed dawn il-biċċiet ġo reċipjent bl-ilma fit-tabernaklu biex eventwalment idubu fl-ilma.

Fil-ġranet ta' wara, diversi qassisin fetħu t-tabernaklu biex jaraw dawn il-biċċiet dabux, iżda rrealizzaw li ma kien ġara xejn. Meta fit-8 ta' Mejju fetħu t-tabernaklu bħas-soltu nnutaw li l-frammenti tal-ostja kkonsagrata li kien hemm fl-ilma kienu bidlu l-kulur għal wieħed ta' lewn ħamrani, qisu demm. Fil-ġranet ta' wara, eżattament il-Ħadd 10 ta' Mejju, fiż-żewġ quddisiet ta' filgħaxija nnutaw diversi qtar tad-demm fuq il-patena li biha l-qassisin kienu qed iqarbnu lin-nies.

### 1994

Il-Ħadd 24 ta' Lulju, waqt il-quddiesa għat-tfal, meta l-ministru tat-tqarbin ħa l-pissidi mit-tabernaklu biex iqarben, innota qatra demm fuq il-ġenb tal-pissidi.



## 1996

Fil-15 ta' Awwissu, nhar il-festa ta' Santa Marija, waqt il-quddiesa tal-festa, ostja kkonsagrata waqgħet mal-art bi żball waqt it-tqarbin lill-ġemgħa. Persuna li nnutat x'ġara ġabret din l-ostja kkonsagrata u infurmat mill-ewwel lil Dun Alejandro Pezet, li qegħedha ġo reċipjent bl-ilma fit-tabernaklu sabiex eventwalment idub, skont id-direttivi tal-Knisja. Xi ġranet wara, eżattament fis-26 t'Awwissu, il-ministru tat-tqarbin, meta fetaħ it-tabernaklu, sab li l-ostja kkonsagrata li kienu qiegħdu fl-ilma xi ġranet qabel kienet għadha ma dabitx iżda kellha diversi tebgħat ta' lewn aħmar, li kienu qed jikbru minn ġurnata għal oħra. Il-kleru tal-parroċċa informa mill-ewwel lill-Arċisqof ta' Buenos Aires b'dak li ġara.

Fl-2001 xi kampjuni ttieħdu għall-analiżi għand il-Professur Linoli, li identifika ċelloli bojod li probabbilment kienu jikkorrispondu ma' tessuti tal-qalb jew heart tissue. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji kienu simili ħafna għal dawk li saru fuq il-miraklu ewkaristiku ġewwa Lanciano. Meta fl-2002 intbagħat kampjun ieħor lill-Professur John Walker għall-analiżi fl-Università ta' Sydney fl-Awstralja, dan ikkonferma li l-kampjuni wrew ċelloli minn muskoli u ċelloli bojod tad-demm intatti, meta kulħadd jaf li ċelloli bojod tad-demm barra l-ġisem jiddiżintegraw/jispiċċaw fix-xejn wara biss 15-il minuta. Dan il-każ, però, kien seħħ sitt snin qabel - xi ħaġa inspjegabbli.

Saru aktar studji matul iż-żmien, fosthom mill-espert tal-patoloġija kardijaka l-Professur Frederik Zugibe tal-Columbia University ġewwa New York. Dan il-professur ma kellux idea li l-kampjun kien ġej minn ostja kkonsagrata. Wara l-analiżi tiegħu kien qal illi dan il-kampjun kien ġej minn muskolu tal-qalb, eżattament min-naħa tax-xellug, u li dan il-pazjent kien bata ħafna u f'ċerti mumenti ma setax jieħu nifs minħabba li l ossiġnu ma kienx qed jasal u għalhekk kien qed jieħu n-nifs bi tbatija. Stqarr ukoll li l-qalb kienet turi attività fil-mument li l-kampjun ġie mgħoddi lilu, peress li kien hemm traċċi ta' ċelloli bojod, u dawn jinġarru biss mid-demm u allura bilfors li fil-mument li ttieħed il-kampjun għandu l-qalb kienet għadha tħabbat. Meta l-professur sar jaf minn fejn kien ġej dan il-kampjun, ma riedx jemmen. ■



# Il-Konvoj ta' Santa Marija



Kav. Carmel Bianchi KGO

Kif qatt nistgħu ninsew dik il-ġrajja
li kienet seħħet fil-Port il-Kbir?
Dik tal-Konvoj ta' Santa Marija -
dawk involuti ħaqqhom tifħir.

L-effett tal-ġuħ ilu jaħkem ġmielu
għax mill-ikel sfaw bosta mċaħħdin;
l-iskarsezza kienet sew tirrenja,
batew ħafna l-imsejkna Maltin.

Il-vapuri milquta bil-bombi,
għaliex l-għadu kien fuqhom qalil,
beda jixħet bla għadd biex jeqridhom;
aħrax magħhom u anke krudil.

Kif l-aħbar ġriet li wasal il-konvoj
il-Maltin imtliet qalbhom bil-ferħ,
u kulħadd bit-tbissima fuq wiċċu
għax dil-bxara sew kienet ta' serħ.

Dan il-konvoj kien ħafna mistenni,
b'ħerqa kbira kulħadd jistennieh,
biex itaffi dak l-għaks u t-tbatija
li dal-poplu kien mifni wisq bih.

L-entużjażmu fil-qlub malajr kiber
hekk xħin fil-port bdew qajla deħlin,
mgħobbijin b'ħażna t'ikel u petrol,
li l-Maltin minn dawn kienu neqsin.

Iċ-ċapċip ma waqafx hekk kif dehru
bil-mod il-mod lejn il-port resqin
qlub t'eroj għalkemm agonizzanti
biex le jagħtu ruħhom tellifin.

X'ma jinżlux b'għadd ta' bnadar f'idejhom!
Il-Maltin marru dlonk fuq is-swar
b'dmugħ iġelben, ixejru ferħana,
f'id in-nisa, irġiel u anke żgħar.

Alla riedu li jasal, dal-konvoj,
għax kollha twasslu kważi mgħarrqin,
bl-għadd ta' bombi li fuqhom twaddbu
mill-piloti tal-għadu, kefrin.

Mit-tlettax sal-ħmistax ta' Awwissu
f'Malta waslu ħames vapuri
mgħobbija bi provisti meħtieġa.
'L-kaptani ħaqqhom ħafn'unuri.

Dan il-konvoj kien bl-isem imgħammed
dak ta' "Operation Pedestal".
B'abbiltà kbira rnexxielhom jidħlu
fost il-ferħ tal-kbar, ukoll tat-tfal.

Il-*Port Chalmers* u *Rochester Castle* -
il-*Melbourne Star* kien magħhom ukoll -
dawn kienu l-ewwel tlieta li waslu
u malajr bdew jinħattu mal-moll.

Il-vapur *Brisbane Star* milqut daħal;
dan kien f'lejlet Santa Marija.
Il-kaptan, flimkien man-nies tiegħu,
urew kuraġġ b'ħafna qlubija.

L-għada daħal it-tanker *Ohio*,
megħjun mid-destroyer *Bramham* u l-*Penn*,
li b'miraklu mill-kbar irnexxielu
fil-port jitrakka u jasal għall-kenn.

L-*Ohio* kien il-ħames li daħal,
fil-festa ta' Santa Marija:
milqut u mċarrat bil-bombi,
wasal fostna b'ħafna tbatija.

Il-konvoj providenzjali f'gżiritna
b'kuraġġ kbir mela qlub il-Maltin,
u saħħaħhom biex jibqgħu jissieltu
biex fuq l-għadu ħarġu rebbiħin.

Il-Madonna wasslithom hawn Malta -
ma felħitx tara l-poplu bil-ġuħ,
lanqas iżjed isofri tbatija;
ma tħallihx ikun aktar muġugħ.

Ġiet tittajjar fuq dan il-port tagħna;
riedet tkennu biex jasal il-ġid
li kien mgħobbi biex jaħji lil ġensna,
għax kull Malti ħerqan lilu trid.

Żgur Marija wisq tħobbha lil Malta,
u ma' qalbha tħaddanna, il-Maltin;
minn kull għawġ illi konna maħkuma
hi ħarġitna f'kull ħin rebbiħin.

Bl-interċessjoni t'Ommna Marija
bidlet ta' din il-gżira d-destin;
għalhekk f'qalbna għal dejjem minquxa
tridna miegħek nibqgħu magħqudin.

Bir-raġun kollu u kif inhu xieraq,
dan il-fatt li wera qlubija
minn fommna l-Maltin jibqa' jissejjaħ
"il-Konvoj ta' Santa Marija".

*Lejlet Santa Marija*
*It-Tlieta, 14 t'Awwissu 2012*





Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (PL & Mgt)

# It-800 sena tat-twelid tal-presepju (L-Ewwel Parti)

Din is-sena d-dinja Franġiskana qed tiċċelebra t-800 sena tat-twelid tal-presepju, xogħol il-fundatur tal-Ordni Franġiskan, Giovanni di Pietro di Bernardone, jew aħjar San Franġisk t'Assisi (c. 1181-1226). San Franġisk kien devot kbir ta' Ġesù tarbija. Din id-devozzjoni kompliet tikber waqt iż-żjara li għamel fl-Art Imqaddsa. Fost il-postijiet li żar kien hemm l-għar ta' Betlem. San Franġisk impressjona ruħu bil-faqar, l-umiltà u s-sempliċità li fiha twieled Ġesù tarbija. Meta kien qrib il-festa tal-Milied, San Franġisk kien fi Greccio, l-Italja u ried iqaddes il-quddiesa tal-lejl tal-Milied f'għar. Dan l-għar ġie mżejjen b'maxtura vojta kif ukoll żewġ annimali - ħmar u baqra. Matul il-quddiesa deher Ġesù tarbija. Dan welled l-idea ta' presepju.



L-armar tal-presepju hu eżerċizzju li bih wieħed jidħol fil-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-presepist irid jaqra dwar il-ġrajja tat-twelid u jifli ideat li ra fil-presepji magħmula minn presepisti oħra. Kull pajjiż li daħħal il-fidi Nisranija żviluppa l-presepju tipiku tiegħu. Xi pajjiżi Nsara żviluppaw aktar minn tip wieħed ta' presepju. Eżempju ta' dan hu l-Italja. Fost il-presepji f'dan il-pajjiż insibu fost l-oħrajn il-presepju Naplitan u l-presepju Sqalli. Il-presepju Naplitan hu presepju urbaniku, fejn insibu ċorma pasturi libsin il-kostum Naplitan u b'xeni tipiċi ta' Napli ta' dawk iż-żminijiet. Il-presepju Sqalli huwa kuntrast kbir meta wieħed iqabblu ma' dak Naplitan. Dan l-aħħar presepju hu wieħed kampanjol. Malta, li għandha għeruq Insara, żviluppat presepju tagħha. Presepju bla pasturi mhux presepju iżda mudell ġografiku. Il-pasturi jagħtu l-ħajja lill-presepju, jagħmlu mudell reliġjuż u

tifkira tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Malta żviluppat pasturi tipiċi tagħha? Hemm differenza bejn il-presepju Malti u dak Għawdxi? Il-fliegu li jifred iż-żewġ gżejjer tal-arċipelagu Malti rnexxielu joħloq żewġ presepji differenti?

## L-EWWEL PRESEPJU

Id-dokumenti tefgħu dawl fuq aktarx l-eqdem presepju li ġie armat f'Malta. Grazzi għar-riċerka li kien għamel il-patri Dumnikan Patri Mikiel Fsadni sirna nafu li s'issa l-eqdem presepju jmur lura għas-sena 1617. Skont id-dokument dan il-presepju ntrama darbtejn, jiġifieri fl-1617 u fl-1618. X'ġara wara ma nafux. Id-dokumenti huma siekta. Dan il-presepju kien mixgħul permezz tal-mixegħla b'lanterni tal-karti. Għaliex intrama biss sentejn? Forsi l-patri jew il-patrijiet li rmaw il-presepju ġew ippostjati f'kunvent ieħor. Forsi kienu patrijiet barranin li wara l-1618 kellhom iħallu Malta. Forsi l-presepju kompla jintrama iżda min kien jieħu ħsieb id-dokumenti ma daħħalx id-dettalji dwaru.

Il-presepju Malti hu wieħed kampanjol. Hu presepju bbażat fuq l-Evanġelju ta' San Luqa. Dan l-evanġelista rrakkonta l-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù tarbija. Fir-rakkont naqraw kif il-Madonna u San Ġużepp ħallew Nazaret u marru Betlem, il-belt tar-Re David. Naraw li għal-lejl li fih twieled Ġesù, il-Madonna u San Ġużepp sabu kenn f'għar, post fejn kienu jinżammu l-annimali, forsi miftuħ għall-bard u l-umdità tal-lejl. Nisimgħu dwar l-aħbar tal-anġlu lir-ragħajja tan-nagħaġ u l-adorazzjoni ta' dawn ir-ragħajja. Il-presepju Malti hu l-presepju tal-lejl qaddis tat-twelid tal-Messija, presepju Luqan - presepju qrib ħafna tal-presepju tal-ġirien, il-presepju Sqalli.

## IL-PRESEPJU MALTI U DAK GĦAWDXI

Il-presepju Malti hu wieħed magħmul mill-karti, il-gazzetti u l-kartun irqiq. Dan il-presepju jissejjaħ "presepju tal-kartapesta". Hu presepju żgħir li wieħed jista' jpoġġih fuq mejda jew fuq xi gradenza. Insibu żewġ tipi ta' presepji, wieħed minnhom b'għar wieħed, li fih il-pasturi tal-Madonna u San Ġużepp, li aktarx kien ikun tat-tafal. Il-figura ta' Ġesù tarbija kienet tkun magħmula mix-xema', figura xi ftit ikbar mill-bqija tas-sett tal-pasturi biex turi l-importanza tat-twelid ta' Ġesù tarbija, Alla u bniedem. Forsi mal-għar kienu jdaħħlu xi siġra tal-palm. Forsi kienu jdaħħlu xi nagħaġ tax-xema'. Forsi kienu jdaħħlu xi pastur jew tnejn. Kien hemm presepisti li kienu jagħmlu xi presepju b'għar jew tnejn u b'xi niżla u firxa xi ftit kbira quddiem l-għar ewlieni. Dan il-presepju kien ikollu aktar pasturi, kollha tat-tafal, forsi kienu jidħlu xi pasturi li kienu għal qalb il-presepista jew sid il-presepju.

F'Għawdex, li hu aktar aħdar, il-presepisti daru fuq ġebliet mimlija ħofor biex jitpoġġew fuq xulxin u joħolqu għerien, toroq u għelieqi li bihom kienu jiffurmaw il-presepju. Xi presepisti kienu jiġbru l-ġebel u kienu anke jżommu ċertu ġebel minn sena għal oħra fil-btieħi u fil-ġonna tagħhom. Aktar ma l-ġebel kien ikun influwenzat mit-temp aktar il-ġebel kien jiżviluppa lwien naturali u l-presepju jsir aktar naturali. Minkejja li l-Maltin kienu jippreferu l-presepju tal-kartapesta u l-Għawdxin il-presepju tal-ġebel, xorta waħda kont issib presepisti Maltin li kienu jarmaw presepju tal-ġebel u presepisti Għawdxin li kienu jippreferu tal-kartapesta. ■





# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali



## ĊELEBRAZZJONI FRANĠISKANA FIT-8 ĊENTINARJU MIR-REGOLA






Nhar il-Ħamis, 18 ta' Mejju 2023, festa tal-qaddis Kapuċċin San Feliċ minn Kantalice, ġiet organizzata ċelebrazzjoni bejn il-familji Franġiskani kollha sabiex jitfakkar it-8 ċentinarju mir-Regola Bullata ta' Missierna San Franġisk. Din l-attività saret ġewwa s-sala taċ-ĊAK f'Birkirkara u għaliha kienu mistiedna l-Aħwa Minuri Konventwali, l-Aħwa Minuri, is-Sorijiet Klarissi, is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, is-Sorijiet tal-Eġittu, is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesu u l-membri tal-Ordni Franġiskan Sekulari. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet permezz ta' taħdita mmexxija minn Padre Pietro Maranesi, Kapuċċin, bit-tema "La Regola di Francesco di Assisi. Per dare forma al sogno evangelico". Wara din ir-riflessjoni kien hemm ħin għall-mistoqsijiet u għal xi kummenti minn dawk preżenti. Iċ-ċelebrazzjoni kompliet billi flimkien tlabna t-talba tal-Għasar, animata minn numru ta' sorijiet, u dan il-mument ta' talb intemm billi rċevejna l-barka sagramentali. Wara kulħadd kien mistieden sabiex naqsmu flimkien xi ħaġa tal-ikel. Ilkoll apprezzajna u ħadna gost b'dan il-mument Franġiskan flimkien. Jalla l-Mulej ikompli jagħtina aktar opportunitajiet minn dawn sabiex flimkien inkomplu naqsmu l-ferħ tal-kariżma Franġiskana u anke nkomplu nħejju ruħna għal dawn iċ-ċentinarji Franġiskani.

## KONFERENZA GĦALL-KAPPILLANI TAL-ĦABS TAL-EWROPA

Bejn it-8 u d-9 ta' Mejju 2023 Fr Joe Buttigieg ħa sehem f'konferenza organizzata mill-kummissjoni internazzjonali Kattolika tal-kura pastorali fil-ħabs (ICCPPC) f'Würzburg, il-Ġermanja. Din il-kummissjoni twaqqfet fl-1950 bi statuti mġedda fl-1974, u kienet magħrufa mill-Vatikan fl-2014. L-għan tagħha huwa t-taħriġ tal-kappillani tal-ħabs u li tikkordina l-ħidma tagħhom, tagħti sehemha lejn riforma tas-sistema penali, tgħin lejn drittijiet umani aħjar u tħares il-ħelsien tal-għajnuna reliġjuża fil-ħabsijiet. Għalkemm hija kummissjoni Kattolika ħadu sehem fiha Ortodossi u Protestanti minn diversi pajjiżi tal-Ewropa. Għenet fl-organizzazzjoni tagħha l-komunità ta' Sant'Egidio ta' Würzburg.




Kienu jumejn ta' qsim ta' esperjenzi minn diversi kelliema, kemm minn dawk li kienu preżenti kif ukoll permezz tal-video, fuq is-sitwazzjoni f'ħafna mill-ħabsijiet, id-drittijiet tal-ħabsin, id-diffikultajiet li l-pastorali fil-ħabs tiltaqa' magħhom, u kif wara l-pandemija tal-COVID-19 jeħtieġ li nirrevedu l-pastorali kollha tagħna fil-ħabs, speċjalment quddiem l-età tas-saċerdoti u n-nuqqas dejjem iżjed tagħhom. Ħuna Joe qasam ma' dawk preżenti tagħrif fuq il-ħidma li huwa flimkien mal-Aħwa Bernard Mangion u Victor Spiteri qegħdin iwettqu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, il-Forensic u l-Y.O.U.R.S. Fl-ewwel jum filgħaxija saret lejla ta' talb għal dawk il-priġunieri u uffiċjali li mietu vittmi tal-COVID-19, li għaliha kien preżenti numru sabiħ ta' nies. Din il-konferenza ġiet fi tmiemha bi żjara f'ħabs li jinsab f'Würzburg stess.



## PELLEGRINAĠĠ GĦAD-DEVOTI MALTIN TA' FRA BASKAL

Nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju Fr Joe Buttigieg, viċi postulatur tal-kawża ta' Fra Baskal, mexxa l-ewwel pellegrinaġġ minn Malta lejn il-fdalijiet ta' Fra Baskal Farrugia. F'dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem 60 ruħ.





Il-programm kien wieħed sempliċi: quddiesa fil-knisja tagħna, talb fil-kripta fejn hemm il-fdalijiet ta' Fra Baskal u żjara liċ-ċella tiegħu. Wara l-ikel Marsalforn, Ta' Pinu għar-rużarju u lura Malta. Kemm Għawdex kif ukoll Malta (il-Furjana) id-devoti ta' Fra Baskal jiltaqgħu darba fix-xahar biex jitolbu għall-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu.

## IĊĊELEBRAT JUM IT-TWELID TA' SAN PIJU



Il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023 ġie ċċelebrat jum it-twelid ta' San Piju ta' Pietrelcina. Għal dan il-jum il-gruppi ta' talb ta' Patri Piju ċċelebraw quddiesa solenni fil-knisja ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli. Din iċ-ċelebrazzjoni bdiet permezz ta' purċissjoni fil-knisja stess, bix-xbieha tal-Madonna ta' Fatima, merfugħa mil-leaders tal-gruppi u xi żgħażagħ, u akkumpanjata bix-xemgħat, u wara ġie espost is-Sagrament, li quddiemu ntalab ir-rużarju mmeditat, akkumpanjat bil-kant tal-Ave. Ir-rużarju kien animat minn Fr Martin Mamo u l-koppja żagħżugħa Aaron u Marija Mifsud Lewis, membri tal-kumitat tal-gruppi ta' talb. Wara l-barka sagramentali u qabel il-quddiesa l-President tal-gruppi, is-Sinjura Carmen Caligari, għamlet diskors qasir lin-nies preżenti, u s-Sinjura Marija Lewis qrat ġrajjiet qosra mill-ħajja ta' Patri Piju.



Il-quddiesa solenni ġiet animata mill-kor ta' San Ġużepp tal-Kalkara u ppreseduta minn Mons. Isqof Joe Alessandro u konċelebranti oħrajn, fosthom il-Ministru Provinċjali Fr Ivan Scicluna. Fil-bidu tal-quddiesa Ħuna Martin qara diskors qasir lil Mons. Isqof Joe Alessandro u ppreżentalu l-ktieb *Itlob, Ittama, Tinkwetax*, ktieb ġdid li l-għan tiegħu hu li jkun manwal għall-gruppi ta' talb. Fil-quddiesa saret il-wegħda tal-fedeltà mill-membri tal-gruppi u wara t-tqarbin sar il-bews tar-relikwa, li hija l-ingwanta ta' San Piju, fost il-kant sabiħ tal-innu tal-qaddis. Il-funzjoni kollha xxandret fuq Xejk TV. Fr Martin Mamo, id-direttur tal-gruppi ta' talb, ħabbar li għall-vġili tal-festa ta' Patri Piju, nhar it-22 ta' Settembru, il-quddiesa se tkun fl-istess knisja ta' Sant'Antnin u ppreseduta mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna.



## OĦTNA L-MEWT

Nhar Sibt il-Għid filgħodu, it-8 ta' April 2023, oħtna l-mewt sejħet għal għandha lil Maria Axiaq, omm Br Vincent Axiaq, fl-età ta' 83 sena. Il-funeral tagħha sar it-Tlieta, 11 ta' April 2023 fil-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa, u għalih attendew diversi aħwa tal-provinċja. Inwasslu l-kondoljanzi tagħna lil Br Vincent u l-familja tiegħu filwaqt li nwegħduhom it-talb tagħna. Infakkar lill-aħwa gwardjani sabiex japplikaw quddies għal ruħha skont in-numru ta' aħwa tal-fraternità. Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem; id-dawl ta' dejjem jiddi fuqha; tistrieħ fis-sliem. Ammen.

# Ruħi għatxana għalik, Mulej!



GEORGE ZAMMIT

# L-imħabba ma tmut qatt

L-imħabba għandha ħafna misteri u hija bħal ġojjell prezzjuż magħmul minn elf brillant li d-dija tagħhom tgħaqqad kollox flimkien. Il-brillanti joħolqu sistema ta' illużjonijiet, sentimenti differenti permanenti fil-ħajja tal-bniedem. Però l-esperjenza timmarka li l-imħabba kultant bħal tħares fil-bank, titla' u tinżel... tlugħ bil-ferħ jew inżul bl-inkwiet. Id-dawl ta' dawn il-brillanti fl-imħabba jista' jinbidel fi dlam f'daqqa kawża ta' enerġija mitlufa meta bniedem jgħaddi minn testijiet, riskji, provi iebsa biex jipprova jċaqlaq muntanji ta' rjus iebsa jew jaqsam oċeani ta' maltemp kbir f'ħajtu.

Għalhekk sabiħ meta żewġ persuni jingħaqdu fl-imħabba f'ħajja li jħobbu lil xulxin. Din tkun esperjenza bħall-fjamma li ddawwal l-eżistenza tagħhom sal-mewt.

F'Napli seħħet storja vera ta' żewġ ħlejjaq li għexu u ħabbew lil xulxin. Għalkemm trabbew f'ċerta diffikultà minħabba li kienu jbatu minn ċerti ġudizzji ħżiena tal-ġirien, l-idea li l-imħabba bejniethom tibqa' u ma tmut qatt – **The love that never dies** – dejjem kibret u kompliet maż-żmien sal-mewt.

Persuna minn dawn it-tnejn kienet Gigi D'Alessio, kantant, kittieb tal-kanzunetti u produttur tal-mużika Taljana b'karriera twila li fiha biegħ madwar 20 miljun diska, kiseb ċertifikati u kull fejn kanta dejjem kien ippakkjat bin-nies. Maħbub, meqjus bħala r-re ta' Napli wara Maradona, b'intelliġenza straordinarja u b'rieda qawwija għas-suċċess fil-mużika. Kellu jissielet minħabba l-firda u l-imħabba kbira li kellu lejn il-ġenituri tiegħu, biex jibni karriera professjonali bi sforzi kbar meta kellu jħalli Napli biex ikompli l-istudji f'Milan. F'intervista riċenti Gigi jirrakkonta storja dwar l-imħabba bejnu u l-ġenituri. Fl-età ta' 18-il sena Gigi għamel l-ewwel kuntratt tiegħu imma sfortunatament tilef lil ommu. Missieru kellu ħanut żgħir tal-ħwejjeġ u kien isuq karozza antika Peugeot madwar it-toroq pittoreski dojoq ta' Napli. Bl-ewwel tfaddil ta' flus mar jixtri kappella fiċ-ċimiterju għal ommu, imbagħad ħaseb ukoll f'missieru wara li talbu pjaċir personali. Qallu:



"Pa, jien sejjer tajjeb bil-kant; irridek issa tieqaf mix-xogħol u twarrab dik il-karozza antika li għandek." Gigi pprova jispjega lil missieru li l-ġirien kienu qegħdin jagħtuh pubbliċità negattiva li tweġġa' meta jarawh isuq il-karozza l-ġdida tiegħu. **"Hekk sew! It-tifel idur bil-Mercedes madwar Napli waqt li missieru b'karozza mkissra ħa taqa' biċċiet biex imur jiftaħ il-ħanut kuljum fis-sebgħa ta' filgħodu!"**

Wara li kkonvinċa lil missieru, Gigi D'Alessio malajr sab is-soluzzjoni. Xtralu karozza Alfa 146 bi 30,000 km flimkien ma' ktieb b'somma flus fil-bank. Imma araw ftit x'ġara wara dan kollu...

Sfortuna oħra: missieru miet wara ftit ġimgħat, u wara l-funeral Gigi mar lura d-dar u sab l-Alfa 146 fil-garaxx intatta, bl-istess ammont ta' kilometri, flimkien mal-ktieb tal-bank bl-istess somma ta' flus.

Gigi fl-intervista jispjega dan kollu biex aħna nifhmu min hu l-veru missier u min huwa l-veru iben fil-ħajja. Kien missieru li bil-ftit flus li kien jaqla' mill-ħanut, mingħajr ma jgħid lil ibnu, kien jixtri biljett biex jidħol l-istadium jisma' lil Gigi jkanta, fejn kien jispiċċa jibki, iċempel u jgħidlu: **"Kburi bik, ibni!"**

Għalkemm Gigi llum jitqies bħala sinjur, jisħaq li l-akbar ġid li wiret mingħand missieru mhux l-Alfa, id-dar, id-dgħajsa jew il-ħanut żgħir li kellu, imma l-valur tal-imħabba li ma tmut qatt.

Ġesù jgħid: **"Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."**

Fl-aħħar Gigi jistqarr li missieru dejjem għallmu li l-imħabba tkun akbar jekk wieħed jagħti ħajtu għal dawk li ma jkunux ħbieb tiegħu, b'referenza għall-istess ġirien l-għedewwa li kienu jlissnu fuqu.

**Kulħadd f'xi mument f'ħajtu jrid jitħabat bl-enerġija divina biex iħobb bla kundizzjoni.**

# It-tielet misteru: Meta Sidna Ġesu' Kristu twieled fl-għar ta' Betlem



JESMOND GRECH

1. X'misteru kbir! Alla, il-Ħallieq tal-kreat kollu, l-enerġija li tmexxi l-univers, jibgħat lil ibnu, Alla daqsu fin-natura, u li jimmanifesta ruħu bħala tarbija fraġli, imgeżwra f'maxtura, f'għar użat mill bhejjem. Alla jista' kollox. Seta' jagħmlu dan? Iva. Għamlu għax ried jidħol fil-kundizzjoni umana u jipparteċipa fiha b'mod attiv. Mhux mill-bogħod u distakkat imma ried jgħix bħalna, magħna u fostna. Aħna ma nifhmuhx. Ngħidulu misteru.

2. Għaliex ġiet fid-dinja dik it-tarbija? Ġiet għax kien wegħedha Alla mal-waqgħa ta' Adam. Minħabba l-egoiżmu tiegħu, il-bniedem għama, ma tax kas it-twissijiet ta' dak li ħalqu u qata' frotta minn siġra. Inkisret il-kelma t'Alla għall-ewwel darba u beda ċirku vizzjuż li għaddas lill-bniedem dejjem iżjed 'l isfel. Adam tkeċċa mill-Għeden, għalaq il-bieb tal-post fejn kollox kien tajjeb. Imma l-bniedem iddispjaċieh u Alla ried isalvah billi jsir bniedem hu wkoll. Il-bieb il-magħluq jerġa' jiftħu Alla stess. Iċ-ċirku vizzjuż seta' jinkiser. Alla jibgħat lil ibnu, is-salvatur. Il-kelma t'Alla ssir laħam, tinqatel mill-bniedem biex tifdi lill-bnedmin kollha minn dnubiethom. Ġesù twieled biex imut imdendel ma' għuda ta' siġra. Kollox kien maħsub mill-bidu. Kollox fil-pjan divin. Id-dnub jidħol permezz ta' bniedem u joħroġ permezz ta' ieħor. Mis-siġra tal-Għeden għas-siġra tal-Golgota.

3. Dan kollu jinsab hemm, fil-grotta ta' Betlem, f'dik it-tarbija rieqda kemm kemm tiċċaqlaq fil-post minn fejn jieklu l-annimali. L-ikel tal-ħajja qed jgħix fil-maxtura. Fis-sikta tal-lejl hemm ommu, Ġużeppi u r-ragħajja foqra, imsejkna, bla skola, magħżul bħala l-ewwel xhieda ta' dan il-kuntratt ġdid ta' salvazzjoni. Mill-parti l-waħda l-bniedem li ma ġab xejn miegħu ħlief dmugħ u mewt, mill-parti l-oħra Alla nnifsu li ġie biex iferraħna u jfarraġna. Ġie biex iserrħilna moħħna. Jien il-bieb. Jien it-Triq, Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb. Jien il-Verità. Jien l-ilma li jaqta' l-għatx. Jien il-Ħobż ħaj li niżel mis-sema biex jittiekel u jsaħħaħ.





# Ngħixu s-sinodalità minn issa

Fr Silvestru Bonavia OFMCap

Jeħtieġ qabelxejn niffurmaw irwieħna u nrawmu fina mentalità sinodali. Dan ifisser li lkoll kemm aħna, f'kull stat tal-ħajja, f'kull vokazzjoni, aħna fejn aħna u nkunu fejn inkunu, nagħrfu u nagħtu sehemna "lkoll". Dan jeħtiġilna nibdew (jew inkomplu) inwettquh minn issa fil-familja, fil-parroċċa, fil-komunità, fl-għaqdiet u f'kull livell biex insaħħu u ngħinu dejjem aktar il-komunità tagħna biex tkun tassew "sinodali". Hekk aħna li nemmnu fi Kristu u fil-Knisja li huwa waqqaf, nagħrfu nsaħħuha dejjem aktar flimkien, għal xulxin, b'sens ta' qadi tassew u fuq kollox b'vera mħabba, li tkun tassew umli. Jiġifieri dik l-imħabba li għallimna Ġesù, li ħasel riġlejn l-appostli u ta ħajtu għalina lkoll: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw. 13, 36): imħabba vera u umli tassew.

Meta taqra d-dokumenti li ħarġu sa issa mis-Segretarjat tas-Sinodu wara l-laqgħat djoċesani, kontinentali u aktar, u almenu ftit mill-kwantità li nkitbet, dan jidher ħafna aktar ċar.




Għalhekk l-ewwel ħaġa u forsi l-aktar importanti hija li nippruvaw nagħtu sehemna KOLLU biex il-familja tagħna, l-għaqda, il-komunità, il-parroċċa, id-djoċesi u ma nafx aktar... ikunu tassew sinodali. U jekk inti għandek xi responsabbiltà, żgħira jew kbira, tiftakar li tista' tinfluwenza ħafna u tagħmel differenza! U dan għandu jsir bi mħabba u b'ġenerożità sħiħa mingħajr ma numiljaw lill-oħrajn madwarna, b'mod speċjali dawk li magħhom niffurmaw dik iċ-ċellola, żgħira jew kbira, tal-Knisja sinodali.

## FUQ KOLLOX AKTAR MILL-QRIB MA' KRISTU

U llum irrid nibda b'ħaġa veru fundamentali. Il-Papa Franġisku ilu żmien jisħaq fuq hekk. Ekku: Jekk irridu nagħrfu "JIEN" x'nista' nagħmel, intennu li jeħtiġilna lkoll ikollna "familjarità" aktar ma' Ġesù. Inkunu nafuh aktar; ikollna aktar kuntatt miegħu... Nitgħallmu aktar nisimgħuh u nagħtu kas ta' kliemu għalina. U aktar ma jkollna responsabbiltà aktar dan id-dmir jagħfas fuqna! Dan nagħmluh sabiex imbagħad nippruvaw nittraduċuh u nwassluh lil ħutna l-oħra. Irridu nagħmlu minn kollox biex ILKOLL ngħinu lil xulxin nibnu Knisja tassew sinodali, kemm hu possibbli, almenu fil-livelli li mmissu magħhom; u meta niġu mitlubin nagħmlu dan, ma naħslux idejna!

## ID-DOKUMENT ĠDID TA' ĦIDMA

Meta wara li saru l-laqgħat fid-diversi djoċesijiet u nazzjonijiet, flimkien ma' dawk ta' Knejjes Insara oħra, u ltaqgħu r-rappreżentanti f'laqgħat kbar fuq livelli kontinentali, ġie mfassal id-dokument importanti ħafna msejjaħ *Instrumentum Laboris*. Dan id-

dokument mhuwiex bħal dokumenti oħra tas-sinodi li ġew iċċelebrati u li tħejjew minn kummissjoni wkoll, b'ħafna esperti u rappreżentanti għolja ta' gruppi u x'naf jien. Din id-darba d-dokument beda jifforma ruħu fuq id-diskussjonijiet f'livelli parrokkjali jew inqas. Imbagħad ġew studjati u rranġati, f'livelli aktar għolja u wiesgħa. Minn dawn kollha ħareġ dan id-dokument ta' 64 paġna, li jinsab fis-sit elettroniku tal-Vatikan bil-lingwi ewlenin.

Id-dokument huwa tassew "Għodda ta' Ħidma" biex il-Knisja tkompli mixjitha sinodali... ilkoll flimkien, u tkun tassew "Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni"... B'dan il-mod tista' tkompli twettaq aħjar il-kmand fdat lilha minn Ġesù nnifsu u twassal l-Aħbar it-Tajba lill-ġnus kollha (Mt. 28, 19-20).

Hekk f'dawn l-aħħar sentejn u aktar saru diskussjonijiet, inġabru ideat, xewqat u pjanijiet mil-livelli kollha u l-kontinenti kollha. Intqal ħafna, inkitbu diversi "dokumenti" li ġew studjati flimkien fuq livelli dejjem ogħla... u issa f'dan id-dokument *Għodda għall-Ħidma* dawk li se jieħdu sehem f'żewġ sessjonijiet (Ottubru 2023 u Ottubru 2024) għandhom vera għodda kif jistgħu jaħdmu b'mentalità veru sinodali. Niftakru li din id-darba fis-sinodu se jieħdu sehem sħiħ, bid-dritt tal-vot ukoll, lajċi rġiel u nisa, li jgħoddu mas-70. Imbagħad kollox jitqiegħed quddiem il-Papa, u wara l-kunsens tiegħu l-Knisja tkompli tikber u tissaħħaħ fl-għaqda waħda u waħdanija għall-qadi aktar sħiħ u komplet tal-missjoni tagħha. Dan ikun sar bis-sehem kemm hu possibbli ta' kulħadd u fl-istess waqt fid-diversità ta' kulturi, ilsna, tradizzjonijiet u ħafna aktar... Din l-istess Knisja WAĦDA ta' Kristu tkun tidher isbaħ, aħjar, iktar magħquda u effiċjenti biex twassal lil Kristu f'dinja hekk kumplessa imma fl-istess waqt għatxana għas-sewwa.

## HEKK ĠESÙ JKUN "ĦAJ" F'NOFSHOM

L-esperjenza li għaddew minnha dawk li ħadu sehem jew taw sehemhom hija l-ferħ, il-paċi u l-kuraġġ li jsaħħu din ir-rieda tajba f'kulħadd. Il-kliem f'par. 6 ta' dan id-dokument *Għodda ta' Ħidma* (*Instrumentum Laboris*) jispirak għal aktar ħidma: "Fl-assemblea sinodali naslu mgħobbija bil-frott miġbur fiż-żmien tas-smigħ. Qabel kollox għamilna esperjenza li l-laqgħa sinċiera u mill-qalb bejn aħwa fil-fidi, irġiel u nisa, hija għajn ta' ferħ: li niltaqgħu bejnietna huwa laqgħa mal-Mulej li huwa f'nofsna! Imbagħad missejna b'idejna l-Kattoliċità tal Knisja, li fid-differenzi ta' età, sess u kundizzjoni soċjali turi bil-miftuħ l-għana bla qies ta' karizmi u sejħat ekkleżjali, u tgħożż teżor ta' varjetà ta' ilsna, kulturi, espressjonijiet liturġiċi u tradizzjonijiet teoloġiċi. Dawn juru r-rigal li kull Knisja lokali toffri lill-oħrajn kollha (ara *Lum. Gen.* 13). U l-ħidma dinamika tas-sinodu hija mod kif inqegħduhom f'relazzjoni u jiġu valorizzati mingħajr ma jitħarbtu biex ikunu uniformi."

Naturalment hemm wisq aktar minn hekk fid-dokument. Nittama li dan jgħinna nifhmu ftit aħjar dak li nisimgħu u naqraw jew nitkellmu dwaru. Issa jmiss lilna nkomplu ninteressaw ruħna dwar dak li qed isir u jingħad jew jinkiteb u lkoll kemm aħna nitolbu, u nitolbu ħafna, għal dawk li qed jieħdu sehem jew jiġu msejħa sabiex jagħmlu dan. Hekk aħna nagħtu sehemna wkoll biex il-Knisja tkun dejjem isbaħ u aħjar, kif riedha Ġesù, il-fundatur divin tagħha, u twettaq aħjar il-missjoni tagħha bis-sehem ta' kulħadd.



# Il-Calzoni ta' **San Ġużepp**



Fr Paul Bugeja OFMCap





Din l-għamla ta' ħelu ssir għall-festa ta' San Ġużepp, fid-19 ta' Marzu, min-nies ta' Molisano, l-Italja.

Qabel ma jibdew jagħmlu dan il-ħelu n-nisa tad-dar jgħidu talba lil San Ġużepp, li tgħid hekk:
*O San Ġużepp, patrun l-aktar twajjeb, nitolbuk titlob għalina. Itlob għalina. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem. Ammen.*

## Ingredjenti:

**Għall-għaġina:**
kilò dqiq
bajda
ftit xaħam
ilma
niskata melħ

**Għall-mili:**
nofs kilò ċiċri niexfa
zokkor
trab tal-kannella

## Tisjir:

Għall-għaġina ferrex id-dqiq fuq il-mejda u ferra' ftit ftit l-ilma, il-bajda u l-melħ sakemm tifforma għaġina. Wara bil-lembuba iftaħ l-għaġina sakemm tkun irqiqa ħafna.
Dellek il-wiċċ tal-għaġina bix-xaħam b'idejk.
Qatta' l-għaġina fi strixxi kbar u poġġihom fuq xulxin, bil-wiċċ imdellek bix-xaħam dejjem 'il fuq.
Issa rrumblahom u iftaħ l-għaġina mill-ġdid.
Ħalli l-għaġina tistrieħ u għattiha b'sarvetta għal xi siegħa.

## Għall-mili:

Minn jumejn qabel aħsel u xarrab iċ-ċiċri fl-ilma. Wara erġa' aħsilhom sewwa fl-ilma.
Imla kazzola bl-ilma u ftit melħ u sajjarhom sa ma jirtabu.
Wara saffihom sewwa mill-misħun.
Neħħilhom il-qoxra u wara għaffiġhom sakemm tifforma taħlita ratba.
Wara itfa' z-zokkor u t-trab tal-kannella.
Mill-għaġina qatta' forom tondi u f'naħa minnhom itfa' mgħarfa mit-taħlita taċ-ċiċri u itwihom qisek qed tagħmel ir-ravjul.
Ħallihom joqogħdu u wara aqlihom fiż-żejt jagħli (deep fry).

Servihom kisħin.

# Tisliba Nru 212




1. Aħna *ġejna* bħalu. (1 Ġw. 4, 17) (5)
2. Hekk ġralha id Midjan. (Imħ. 6, 2) (6)
3. Li jien hekk kont għamiltilhom. (Mik. 4, 6) (5)
4. Wieħed mill-ħabs. (Mk 15, 6) (5)
5. Alla għadd il-jiem. (Dan. 5, 26) (4)
6. Oħroġ dawn u ikteb. (Lq. 16, 6) (5)
7. Ftajjar mhux ħoxnin. (Lev. 2, 4) (5)
8. Ta' min huma x-xbihat. (Dt. 7, 5) (5)
9. Isem ix-xmara. (Għam. 8, 8) (3)
10. X'għandha l-mara ġġib lil żewġha. (Efes. 5, 33) (7)
11 u 12. Hekk għamlu b'xulxin. (Kol. 3, 13) (6)
13. Dawn iħassru qalb l-għaref. (Koħ. 7, 7) (6)
14. Hekk u thenna, bint Edom. (Lam. 4, 21) (5)
15. Meta jasal jum din tiegħu. (1 Pt. 2, 12) (5)
16. Dan tal-lejl iħawdu. (Sir. 40, 5) (5)
17. Sehem, ..., jew tifkira. (Neħ. 2, 20) (5)
18. Magħmula miż-żbib. (Hos. 3, 1) (7)
19. Jekk ... mitna miegħu. (2 Tim. 2, 11) (4)
20. Fit-telgħa ta' hawn. (2 Slat. 9, 27) (3)
21. Dan kien maġenb Sawl. (1 Sam. 20, 25) (5)
22. Dawn marru għal tulhom. (Ġob 41, 1) (5)

Fr Wistin Attard OFMCap



## AQTA' MIN - Nru 48

1. Għal min hi t-tifsira tal-ħolma. (Dan. 4, 16)
2. Min kien is-siġra tal-ħolma. (Dan. 4, 19)
3. Lil min ra s-sultan. (Dan. 4, 20)
4. Dan waqa' fl-għajb. (Hos. 10, 6)
5. Dineb sa minn żmien Gibgħa. (Hos. 10, 9)
6. Dan jaħrat, Ġakobb ixattab. (Hos. 10, 11)
7. Ma jkollu qatt mniex jistħi. (Ġoel 2, 26-27)
8. Dawn jaraw viżjonijiet. (Ġoel 3, 1)
9. Dawn jinbidlu fi dlam u demm. (Ġoel 3, 4)
10. Din il-belt għall-eżilju. (Għam. 5, 5)
11. Għal min ser joħroġ bħal nar. (Għam. 5, 6)
12. Isawwab l-ilmijiet il-baħar fuq l-art. (Għam. 5, 8)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Ġunju-Lulju 2023

Agendabookshop

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA - MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni **TISLIBA NRU 211** hija Ms Angela Farrugia ta' 67, Blanzuni, Triq l-Alwetta, il-Mosta MST 4503. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni **nru 56 - OĠĠETTI MILL-BIBBJA** hija Ms Emily Barbaro Sant ta' Valverde, 37/2, Triq Anġlu Gatt, Il-Mosta MST 4022. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

## Soluzzjoni għal Tisliba #211

**1. Bejta; 2. Bsaten; 3. Fuqna; 4. Ħorġa; 5. Issa; 6. Ħatar; 7. Ersqu; 8. Oqsma; 9. Tat; 10. Naġġara; 11 u 12. Tnixxi; 13. Xandar; 14. Tiben; 15. Bewsa; 16. Itlaq; 17. Irrid; 18. Ingwent; 19. Gidi; 20. Nar; 21. Eqdes; 22. Arani.**

# 8 Modi kif tista' tgħin

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1.** Borża ta' studju sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2.** Ibagħtulna bolol tajbin jew użati- Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilò bolol użati aħna nbigħuh b'€10. Attenti meta taqtgħu bl-imqass il-bolla minn mal-envelope. Jekk tmissu l-bolla u taqtgħu s-snien tagħha (it-truf tagħha) il-bolla titlef il-valur tagħha. Ħallu dan ix-xogħol għalina.

**3.** Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja. Nixtiequ ninfurmawkom li għax-xahar ta' April 2023 erġajna rbaħna s-somma sabiħa ta' €4,654.00. L-irċevuta rebbieħa ġiet mingħand il-LIDL Malta Limited ta' Triq l-Iljun, Ħal Qormi QRM 3800.

**4.** Bazaar b'risq il-missjoni
Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

**5.** Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, il-Mellieħa.

**6.** Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7.** Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8.** Meta tiġi biex tagħmel it-testment, wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

Min jixtieq jibgħat cheque ta' mhux inqas minn €20 jibagħtu f'dan l-indirizz:
Segreterija Missjoni tal-Kapuċċini, Il-Kunvent tal-Kapuċċin. Il-Furjana. - Grazzi.


Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
**Fr Martin Mamo OFMCap**
Editur *'Dawl Franġiskan'*
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana
**Telefown:** 2123 3874 / **Mobile:** 7970 5198
**Imejl: dawlfranġiskan@gmail.com**


BOV KONT PROĠETT HOLA - IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
BOV KONT DAWL FRANĠISKAN - MT02VALL220130000000 40023435175
BOV KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 40019998299
*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*